



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 14 ta' Jannar 2011 (18.01)  
(OR. en)**

**5342/11**

**AELE 1  
EEE 1  
ENV 21  
TRANS 9**

**PROPOSTA**

minn: Kummissjoni  
data: 11 ta' Jannar 2011

Suġġett: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) u l-Protokoll 37 mal-Ftehim taż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Pierre de BOISSIEU, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: SEC(2010) 1632 finali



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 10.1.2011  
SEG(2010) 1632 finali

Proposta għal

### DEĊIJONI TAL-KUNSILL

**ta' 10.1.2011**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunitat Konġunt taż-ŻEE**

**dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) u l-Protokoll 37 mal-Ftehim taż-ŻEE**

**MT**

**MT**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

**Inkorporazzjoni tad-Direttiva 2008/101/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi attivitajiet ta' avjazzjoni fl-iskema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra fil-Ftehim taż-ŻEE.**

### **Att rilevanti:**

Id-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi attivitajiet ta' avjazzjoni fl-iskema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra fi ħdan il-Komunità<sup>1</sup>.

### **Dispożizzjonijiet relevanti:**

L-Artikoli 3c(4), 3d(4), 3e(2), 3f(4), 3e(3), 3f(5), 16, 18a(1) u (3)(b) u 18b.

### **Kummenti ġenerali:**

Il-JCD abbozz tiproponi l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2008/101/KE fil-Ftehim taż-ŻEE bil-ġħan li tiġi estiża l-iskema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni għaż-ŻEE kollha filwaqt li jiġu rispettati kemm jista' jkun il-prinċipji tal-istruttura b'żewġ pilastri tal-Ftehim. Sabiex jiġu stabbiliti l-emissjonijiet tal-avjazzjoni storiċi madwar iż-ŻEE, il-kwantità totali tal-kwota taż-ŻEE kif ukoll tal-kwoti madwar iż-ŻEE li għandhom jiġu irkantati, li jitqiegħdu f'reżerva speċjali u li jiġu allokatati b'xejn, għandhom jiġu segwiti l-proċeduri normali taħt il-Ftehim taż-ŻEE.

Fir-rigward tal-valuri referenzjarji, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jinkludu l-valuri referenzjarji madwar iż-ŻEE, li għandhom jiġu stabbiliti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-kalkolazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-allokazzjoni tal-kwoti lill-operaturi tal-ingienji tal-ajru amministrati mill-Istati tal-EFTA bażati fuq dawk il-valuri referenzjarji jseħħu wara l-inkorporazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-Ftehim taż-ŻEE.

Din is-soluzzjoni timplika li l-proċess ta' deċiżjoni segwenti jkollu jseħħu f'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-Istati tal-EFTA taż-ŻEE. Din il-kooperazzjoni tinkludi li l-Partijiet Kontraenti jipprevedu klawsoli speċjali fid-deċiżjonijiet rispettivi tagħhom fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/101/KE, billi ssir referenza għad-deċiżjonijiet korrispondenti tal-Partijiet Kontraenti l-oħra, sabiex isir provvediment għal sistema tal-ETS trasparenti fiż-ŻEE għall-operaturi tal-avjazzjoni kollha konċernati.

#### *i)L-Artikolu 3c(4)*

Il-Kummissjoni tiddeċiedi fuq l-emissjonijiet storiċi tal-avjazzjoni għall-UE-27 (A) kif previst fid-Direttiva, u b'hekk tkopri titjuriet fi ħdan l-UE, bejn l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi u bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Istati tal-EFTA taż-ŻEE.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tipprovdi, skont il-kontribut mill-Eurocontrol, in-numru ta' emissjonijiet storiċi tal-avjazzjoni bażati fuq it-titjuriet fi ħdan it-territorju tal-EFTA taż-ŻEE u t-titjuriet bejn l-Istati tal-EFTA taż-ŻEE u pajjiżi terzi (B).

<sup>1</sup> ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3.

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jistabbilixxi l-emissjonijiet storiċi tal-avjazzjoni madwar iż-ŻEE billi jadotta deċiżjoni li tipprevedi l-inkorporazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni flimkien maż-żieda tal-emissjonijiet storiċi tal-avjazzjoni provduti għall-Istati tal-EFTA taż-ŻEE, u b'hekk jiġu jingħaddu n-numri (A) u (B) flimkien.

Test ta' adattament jikkjarifika li l-proċeduri normali taħt il-Ftehim taż-ŻEE japplikaw u li n-numri addizzjonali mill-Istati tal-EFTA taż-ŻEE jiżdiedu bid-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, bażat fuq ċifri provduti mill-Awtoritā ta' Sorveljanza tal-EFTA, li ser tagħmel dan fkooperazzjoni mill-qrib mal-Eurocontrol.

### *ii) L-Artikolu 3e(3)*

Bażat fuq (A), il-Kummissjoni tiddeċċiedi dwar in-numru ta' kwoti li jridu jiġu allokati lill-operaturi għat-titjiriet imwettqa fi ħdan l-iskop oriġinali tal-UE tal-iskema:

- in-numru totali ta' kwoti,
- in-numru tal-kwoti li se jiġu irkantati,
- in-numru ta' kwoti fir-riżerva speċjali (dan japplika għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 2013 u perjodi sussegwenti),
- numru ta' kwoti b'xejn.

Fuq il-bażi ta' (B), l-Awtoritā ta' Sorveljanza tal-EFTA, fkooperazzjoni mill-qrib mal-Eurocontrol, tistabbilixxi ż-żieda fil-kwoti relatati mat-titjiriet li jiżdiedu mal-iskema minħabba l-estensjoni tal-iskema għall-Istati tal-EFTA taż-ŻEE fkull wieħed mis-settijiet segwenti tal-kwoti:

- in-numru totali ta' kwoti,
- in-numru tal-kwoti li se jiġu irkantati,
- in-numru ta' kwoti fir-riżerva speċjali (dan japplika għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 2013 u perjodi sussegwenti),
- numru ta' kwoti b'xejn.

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jiddeċċiedi fuq in-numru ta' kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi amministrati miż-ŻEE-30 billi jżid iċ-ċifri tal-EFTA taż-ŻEE maċ-ċifri tal-UE meta jinkorpora d-deċiżjoni rispettiva tal-Kummissjoni fil-Ftehim taż-ŻEE:

- in-numru totali ta' kwoti madwar iż-ŻEE,
- in-numru tal-kwoti li għandhom jiġu irkantati madwar iż-ŻEE,
- in-numru ta' kwoti fir-riżerva speċjali madwar iż-ŻEE (dan japplika għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 2013 u perjodi sussegwenti),
- l-għadd totali ta' kwoti b'xejn madwar iż-ŻEE (C),

Il-Kummissjoni tiddeċċiedi fuq il-valuri referenzjarjui għaż-ŻEE-30 (anke fil-każ tal-Artikolu 3f(5)), u b'hekk tikkoopera mill-qrib mal-Awtoritā ta' Sorveljanza tal-EFTA matul il-

proċess li jwassal għad-deċiżjoni. Il-kalkolazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-allokazzjoni tal-kwoti lill-operaturi tal-ingienji tal-ajru amministrati mill-Istati tal-EFTA bażati fuq dawk il-valuri referenzjarji jseħħu wara l-inkorporazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-Ftehim taż-ŻEE.

Dikjarazzjoni konġunta li ttendi l-impenn tal-Partijiet Kontraenti biex jiżguraw adozzjoni u dħul fis-seħħi mgħaġġla tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora d-deċiżjonijiet tal-valuri referenzjarji tal-Kummissjoni hija prevista fl-abbozz tal-JCD.

### *iii) L-Artikolu 3d(3)*

In-numru ta' kwoti li għandhom jiġu irkantati minn kull wieħed miż-ŻEE-30 huwa proprozjonal mas-sehem tiegħu ta' emissjonijiet tal-avjazzjoni totali attribwiti għaż-ŻEE-30 kollha, fl-2010.

### **Ġustifikazzjoni u soluzzjoni proposta għall-adattamenti:**

#### Ebda attivitā tal-avjazzjonijiet relevanti fil-Liechtenstein

Bħalissa m'hemm ebda attivitā tal-avjazzjoni fil-Liechtenstein kif definita fid-Direttiva. Għalhekk, qiegħed jiġi suġġerit adattament tat-test li jiċċara kkif ukoll jiddikjara li l-Liechtenstein jikkonforma mad-Direttiva meta l-attivitajiet tal-avjazzjonijiet relevanti jseħħu fuq it-territorju tiegħu.

#### L-Artikolu 3d(4) - Assenjazzjoni tad-dħul:

Kwistjonijiet tal-baġit jaqgħu lilhinn mill-iskop tal-Ftehim taż-ŻEE. L-assenjazzjoni tad-dħul hija għalhekk barra mill-iskop tal-Ftehim. L-Istati tal-EFTA taż-ŻEE madanakollu huma, limitati għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/101/KE, lesti biex jissottomettu l-Artikolu 3d(4), sabiex jiggħarrixxu applikazzjoni omoġjenja tal-iskema tal-ETS fil-qasam tal-avjazzjoni, li tikkonċerna l-operaturi minn pajjiżi terzi wkoll. F'konformità mal-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu li għandu jsir mid-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti. Id-dħul għandu jintuża biex tkun indirizzata l-bidla fil-klima kif speċifikat fl-Artikolu, u huwa meqjus li jkun sodisfatt jekk l-allokazzjoni baġitarja għal dawn il-finijiet teċċedi d-dħul relevanti ġenerat. Adattament tat-test li jikkjarifika li dan ma jinkludi ebda obbligu ta' rappurtar kif ukoll dikjarazzjoni konġunta li ttendi li l-inkorporazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fil-Ftehim taż-ŻEE, għandha tkun mingħajr pregħidżju għall-iskop tal-Ftehim kif previst fl-abbozz tal-JCD.

#### L-Artikoli 3e(2) u 3f(4)

Sabiex ikun hemm konformità kemm jista' jkun mal-istruttura b'żewġ pilastri, l-Istati tal-EFTA taż-ŻEE jissottomettu l-applikazzjonijiet li jircieu lill-Kummissjoni permezz tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Għal dan il-ġhan huwa previst test ta' addattament.

#### L-Artikolu 16 – Projbizzjoni tal-operat:

L-Istati tal-EFTA taż-ŻEE jissuġġerixxu li tintuża l-istess strateġija li hija prevista fir-rigward tal-"Lista s-sewda" fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili. F'dak il-każ il-Kummissjoni tadotta projbizzjoni għat-territorju tal-UE-27, li hija estiżha għall-Istati tal-EFTA taż-ŻEE bid-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora l-att tal-Kummissjoni fil-Ftehim taż-ŻEE. Minkejja dan, sakemm issir tali inkorporazzjoni, u fid-dawl tal-urġenza tal-

projbizzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, l-Istati tal-EFTA taż-ŻEE impenjaw ruħhom li japplikaw il-projbizzjoni simultanjament mal-Istati Membri tal-UE.

Fil-każ tal-Artikolu 16, min-naħħa l-oħra, ma teżistix l-istess urġenza, u mhix meħtieġa applikazzjoni proviżorja. Għalhekk, għandhom japplikaw il-proċeduri normali għall-inkorporazzjoni. Dan jimplika li l-Kummissjoni ser tadotta projbizzjoni għat-territorju tal-UE-27, li ssir applikabbli biss għaż-ŻEE-30 bid-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Ftehim taż-ŻEE. M'hemmx bżonn li jiġi previst test ta' adattament li jiddikjara li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni mhux ser tapplika għall-Istati tal-EFTA taż-ŻEE qabel, minħabba li dan huwa prinċipju ġenerali u jsegwi mill-istruttura ta' żewġ pilastri.

Fir-rigward tat-talbiet tal-Istati tal-EFTA taż-ŻEE skont l-Artikolu 16(5) u (10), test ta' adattament huwa suġġerit li jipprevedi li tali talbiet jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

#### L-Artikolu 18a(1):

L-adattament kien propost mill-Kummissjoni u jistabbilixxi xi regoli rigward l-allokazzjoni mill-ġdid tal-operaturi tal-ingħenji tal-ajru lill-Istati tal-EFTA.

#### L-Artikolu 18a(3)(b):

Huwa previst test ta' adattament biex jiżgura li l-Kummissjoni tippubblika lista rigward l-operaturi kollha li jaqgħu taħt l-iskop tal-iskema, jiġifieri lista li tinkludi ż-ŻEE kollha.

#### L-Artikolu 18b - Ghajjnuna mill-Eurocontrol jew organizzazzjonijiet relevanti oħra:

L-Istati tal-EFTA taż-ŻEE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, għall-finijiet tal-applikar tad-Direttiva 2008/101/KE jkunu jistgħu jafdaw fuq il-kompetenzi ta' organizzazzjoni, bħalma hija l-Kummissjoni. Huwa previst test ta' adattament, li jiddikjara li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' titlob l-assistenza tal-Eurocontrol jew organizzazzjoni relevanti oħra.

Proposta għal

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL

ta' 10.1.2011

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE  
dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 192 (1) u 218 (9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar arranġamenti għall-implementazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

L-Anness XX mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE") fih dispożizzjonijiet spċifici u arranġamenti rigward l-ambjent.

- (1) Huwa xieraq li tiġi inkluża d-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi fil-ftehim attivitajiet ta' avjazzjoni fl-iskema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra fi ħdan il-Komunità<sup>3</sup>.

<sup>2</sup> ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

<sup>3</sup> ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3.

(2) L-Anness XX mal-Ftehim taż-ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda mistennija għall-Anness XX mal-Ftehim taż-ŻEE huwa stipulat fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fī Brussel, 10.1.2011

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNESS

### Abbozz ta'

### **DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru**

**ta'**

### **li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT taż-ŻEE,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XX mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta'...<sup>4</sup>.
- (2) Id-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi attivitajiet ta' avjazzjoni fl-iskema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra fi ħdan il-Komunità<sup>5</sup> għandha tīgi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Il-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet se jseħħi f'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-Istati tal-EFTA.
- (4) Il-Partijiet Kontraenti ġarġu Dikjarazzjoni Konġunta, fejn enfasizzaw inter alia li se jagħmlu kull sforz biex jiżguraw adozzjoni u dħul fis-seħħi mgħaż-żgħadha tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora kull deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Il-Punt 21al (Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud:

'- **32008 L 0101:** Id-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 (ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3).'

---

<sup>4</sup>

ĠU L ...

<sup>5</sup>

ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3.

2. Li ġej għandu jiġi miżjud wara l-addattament (b):

"(ba) Fiż-żmien tal-inkorporazzjoni tad-Direttiva, il-Liechtenstein m'għandu ebda attivitajiet ta' avjazzjoni kif definiti fid-Direttiva operati fit-territorju tiegħu. Il-Liechtenstein ser jikkonforma mad-Direttiva meta attivitajiet tal-avjazzjoni relevanti jseħħu fit-territorju tiegħu.

(bb) Is-sottoparagrafu segwenti għandu jiżdied fl-Artikolu 3c(4):

"Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim u fuq il-bażi taċ-ċifri provduti mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fkooperazzjoni mal-Eurocontrol, jiddeċiedi dwar emisionijiet storiċi tal-avjazzjoni madwar iż-ŻEE billi jżid in-numri relevanti rigward titjuriet fi ħdan u bejn it-territorji tal-Istati tal-EFTA u titjuriet bejn l-Istati tal-EFTA u pajiżi terzi mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni meta jinkorpora din tal-aħħar fil-Ftehim taż-ŻEE."

(bc) Fl-Artikolu 3d(4), it-tieni sottoparagrafu għandu jitħassar.

(bd) Is-sottoparagrafu segwenti għandu jiżdied fl-Artikolu 3e(2) u 3f(4):  
"Sal-istess data, l-Istati tal-EFTA għandhom jissottomettu l-applikazzjonijiet li jirċievu lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, li għandha tgħaddihom mill-ewwel lill-Kummissjoni."

(be) Is-sottoparografi segwenti għandhom jiżdiedu fl-Artikolu 3e(3):

"Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim u fuq il-bażi taċ-ċifri provduti mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fkooperazzjoni mal-Eurocontrol, jiddeċiedi dwar in-numru għaż-ŻEE kollha għat-total tan-numru ta' kwoti, in-numru ta' kwoti li jridu jiġu irkantati, in-numru ta' kwoti fir-riżerva speċjali u n-numru ta' kwoti b'xejn, billi jżid in-numri relevanti rigward it-titjuriet fi ħdan u bejn it-territorji tal-Istati tal-EFTA u titjuriet bejn l-Istati tal-EFTA u pajiżi terzi mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni meta jinkorpora din tal-aħħar fil-Ftehim taż-ŻEE.

Il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-valur referenzjarju madwar iż-ŻEE. Matul il-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet il-Kummissjoni għandha tikkopera mill-qrib mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-kalkolazzjoni u l-pubblikazzjoni mill-Istati tal-EFTA taħt l-Artikolu 3e(4) għandhom iseħħu sussegwentement għad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora d-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni fil-Ftehim taż-ŻEE."

(bf) Is-sottoparagrafu segwenti għandu jiżdied fl-Artikolu 3f(5):

"Il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-livell madwar iż-ŻEE. Matul il-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet il-Kummissjoni għandha tikkopera mill-qrib mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-kalkolazzjoni u l-pubblikazzjoni mill-Istati tal-EFTA taħt l-Artikolu 3f(7) għandhom isiru sussegwentement għad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora d-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni fil-Ftehim taż-ŻEE." '

3. Li ġej għandu jiġi miżjud wara l-adattament (i):

(ia) Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 16(12):

“(13) L-Istati tal-EFTA għandhom jissottomettu kwalunkwe talba skont l-Artikolu 16(5) u (10) lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, li għandha tgħaddihom mill-ewwel lill-Kummissjoni.”

(ib) Is-sottoparagrafu segwenti għandu jiżdied fl-Artikolu 18a(1):

“Ir-riallokazzjoni tal-operaturi tal-ingēnji tal-ajru lejn l-Istati tal-EFTA, għandha sseħħi matul is-sena 2011, wara li l-operatur jissodisfa l-obbligi tiegħi għall-2010. Skeda differenti għar-riallokazzjoni tal-operaturi tal-ingēnji tal-ajru inizjalment assenjati lil Stat Membru fuq il-bażi tal-kriterji msemmija taħt (b), jistgħu jiġu maqbula mill-Istat Membru amministratur inizjali, wara talba espliċita introdotta mill-operatur fi żmien 6 xħur mill-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' lista ta' operaturi madwar iż-ŻEE prevista taħt l-Artikolu 18a(3)(b). F'dan il-każ, ir-riallokazzjoni għandha sseħħi mhux aktar tard mis-sena 2020 fir-rigward tal-perjodu ta' skambju li jibda fl-2021.”

(iċ) Fl-Artikolu 18a(3)(b), il-kliem “għaż-ŻEE kollha” għandhom jiddaħħlu wara “operaturi tal-ingēnji tal-ajru”.

(id) Is-sottoparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 18b:

“Għall-finijiet tat-twettiq tal-obbligi tagħhom skont id-Direttiva, l-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jitbolu l-assistenza tal-Eurocontrol jew ta' organizzazzjoni rilevanti oħra u jistgħu jikkonkludu għal dak il-għan kwalunkwe ftehim xieraq ma' dawk l-organizzazzjonijiet.”<sup>6</sup>

## *Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2008/101/KE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqisu li huma awtentiċi.

## *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fil-ġurnata wara l-aħħar notifika lill-Kunitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim<sup>6</sup>.

## *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sejjjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, .

<sup>6</sup>

[L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.] [Rekwiżiti konstituzzjonali huma indikati.]

*Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE  
Il-President*

*Is-Segretarji  
tal-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE*

## **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti**

### **għad-Deċiżjoni Nru [...] li tinkorpora d-Direttiva 2008/101/KE fil-Ftehim**

#### **[għall-addozzjoni mad-Deċiżjoni u għall-pubblikazzjoni fil-ĠU]**

'Id-Direttiva 2008/101/KE tintroduċi l-assenjazzjoni tad-dħul ġenerat mill-irkant tal-kwoti għall-avjazzjoni. L-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni mill-Istati tal-EFTA hija mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE.

Rigward id-deċiżjonijiet dwar il-limiti skont l-Artikoli 3e(3) u 3f(5) tad-Direttiva 2003/87/KE kif emendati mid-Direttiva 2008/101/KE, il-Partijiet Kontraenti se jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw adozzjoni u dħul fis-seħħ mħaż-żgħalli tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora kull deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Sabiex tīgi garantita l-omoġjenitā taż-ŻEE u tal-ETS komuni tagħha, proċess konġunt u parallel tal-Partijiet Kontraenti għandu jwassal għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, li għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim taż-ŻEE, jekk ikun meħtieġ bl-użu tal-proċedura miktuba.

Bil-għan li jsir provvediment għal ETS trasparenti fiż-ŻEE għall-operaturi tal-avjazzjoni kollha konċernati, il-Kummissjoni se tipprevedi klawsoli speċjali fid-deċiżjonijiet tagħha li jimplimentaw id-Direttiva 2008/101/KE, li jagħmlu referenza għall-estensjoni tad-deċiżjonijiet għall-Istati tal-EFTA taż-ŻEE mid-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.'